MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 333/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Clo. Abdilla)**

**Vs**
Philip Galea

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn it-28 ta' Gunju tas-sena 2006 u t-3 ta' Lulju tas-sena 2006 bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil Yvette Galea, fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod iehor kontra l-**

**ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor billi biddel is-serratura tal-bieb tad-dar matrimonjali.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 t' Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w bil-ghan li tghin ghall-ahjar rizoluzzjoni tal-kaz fic-cirkostanzi pjuttost koncitati li l-partijiet jinsabu fihom, u biex tghin biex jintlahaq l-ghan tal-konvivenza civili bejn il-partijiet, ikkundannat lill-appellant Philip Galea ghal piena ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50.00,0)

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 t’ Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati ghar-rigward tad-data tat-3 ta’ Lulju, 2006 u minflok taqta’ w tiddecidei l-azzjoni odjerna billi tillibera lill-appellant Philip Galea minn kull imputazzjoni w minn kull multa w tiddikjarah mhux hati skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti :

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti w li ma kienux jezistu l-elementi kostituttivi tar-reat tar-ragjon fattasi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet bil-gurament lill-parte civile u l-appellant fis-seduta tal-lum.

Rat il-verbal li bih, seduta stante, l-appellant iddikjara li qieghed jikkonsenja kopja tac-cavetta tad-dar lil mara tieghu bla pregudizzju.

Rat ukoll il-verbal li bih il-parte civile ddikjarat li m’ghandha ebda interess li l-appellant jigi kastigat ghall-ksur tal-ligi minnu kommess, issa li kkonsenjalha c-cavetta tad-dar konjugali.

Rat li l-Avukat Generali fic-cirkostanzi rrimetta ruhu dwar il-piena.

Ikkonsidrat:

Li mix-xhieda mismugha minn din il-Qorti jirrizultaw ampjament l-elementi kollha tar-reat ta' ragjon fattasi dedott kontra l-appellant u li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti. L-appellant ma seta' qatt unilateralment jibdel is-serratura tad-dar konjugali u jippriva lill-martu mill-access ghall-istess dar, qabel ma jottjeni xi provvediment mill-Qorti f'dan is-sens, anki jekk martu telqet mid-dar konjugali biex tibda proceduri ghas-separazzjoni.

Ghalhekk tirrizulta l-htija tar-reat dedott riferibbilment ghad-data tat-3 ta' Lulju, 2006 meta martu ppruvat tidhol fid-dar u sabet is-serratura mibdula.

Pero' in vista tal-izvilupp pozittiv li ntlahaq quddiem din il-Qorti meta l-appellant ikkonsenja c-cavetta tad-dar konjugali lill-martu li a sua volta ddikjarat li ma kienx baqalha interess li zewgha jigi punit, jidher li hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tar-reat ta’ ragjon fattasi fit-3 ta’ Lulju, 2006 u fejn ma sabitux hati tal-istess reat fit-28 ta’ Gunju, 2006, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant sabiex ihallas multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50), u minflok, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta w hadet kont tac-cirkostanzi kollha, nkluz id-dikjarazzjoni tal-parti leza fis-seduta tal-lum, kif ukoll il-kondotta tal-hati, tilliberah ghal kollox u inkondizzjonatament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------